PAKKETT GĦALL-GĦALLIEMA



# ID-DEMOKRAZIJA TAL-UE F’AZZJONI

## Semma’ Leħnek bl-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

INTRODUZZJONI 1

UNITÀ 1: INTRODUZZJONI QASIRA GĦALL-UE 3

UNITÀ 2: ID-DEMOKRAZIJA FL-UNJONI EWROPEA 11

UNITÀ 3: L-INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ 17

UNITÀ 4: L-IŻVILUPP U L-PROMOZZJONI TA' INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ 21

KWIŻŻ TA' ĦRUĠ 25

TWEĠIBIET TAL-KWIŻŻ TA' ĦRUĠ 27

SKEDA TA' FATTI DWAR IT-TRATTATI TAL-UNJONI EWROPEA 28

OQSMA TA' AZZJONI TAL-UE (GĦAŻLA) 31

IL-PROĊESS TAT-TFASSIL TAL-LIĠIJIET TAL-UE 32

# Introduzzjoni

L-għan ta' dan il-modulu edukattiv huwa li jintroduċi lill-istudenti għas-suġġett tal-parteċipazzjoni demokratika fl-Unjoni Ewropea u jipprovdilhom l-għarfien u l-ħiliet li jippermettulhom jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom bħala ċittadini tal-UE. Bħala parti minn din l-esplorazzjoni, il-modulu jiffoka fuq l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. Sa tmiem il-modulu, l-istudenti se jkollhom idea ċara dwar l-għan tal-inizjattiva, kif taħdem, kif toqgħod fil-kuntest usa' tad-demokrazija fl-Unjoni Ewropea u kif jistgħu jużawha biex iġibu bidla fid-dinja.

**X'inhi l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej?**

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej tippermetti liċ-ċittadini tal-UE jinfluwenzaw il-politiki tal-UE billi fuq l-aġenda Ewropea tpoġġi kwistjonijiet li huma l-aktar importanti għalihom. Inizjattiva taċ-ċittadini tlaqqa' nies minn pajjiżi differenti tal-UE biex jiġbru firem u jistiednu lill-Kummissjoni Ewropea tipproponi liġijiet f'oqsma fejn il-Kummissjoni għandha setgħat li taġixxi. Huwa mod minn isfel għal fuq ta' kif jinbeda dibattitu politiku u kif tiżdied is-sensibilizzazzjoni ta' kawżi komuni li jgħaqqdu lin-nies bejn il-fruntieri. L-għodda ġiet imnedija fl-2012, u issa qed trendi l-frott, b'diversi inizjattivi li jwasslu għal proposti legali konkreti mill-Kummissjoni Ewropea.

**Għaliex l-istudenti għandhom jitgħallmu dwar il-parteċipazzjoni demokratika fl-UE b'enfasi fuq l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej?**

F'demokrazija b'saħħitha u li tirnexxi, iċ-ċittadini jistgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom liberament. Dawn jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tal-vot tagħhom b'mod effettiv, jipparteċipaw f'dibattitu politiku u b'hekk jiddeterminaw il-futur tagħhom. Dawn id-drittijiet miksuba bi sforz kbir jiffurmaw il-bażi ta' kwalunkwe demokrazija u jinsabu fil-qalba tal-Unjoni Ewropea. (Sors: Kummissjoni Ewropea)

Id-demokrazija hija waħda mill-valuri ewlenin li fuqhom hija mibnija l-Unjoni Ewropea. Madankollu, id-demokrazija trid tiġi rrispettata. Trid tiġi mrawma b'mod attiv; iċ-ċittadini jridu jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċessi demokratiċi disponibbli għalihom. Sabiex jagħmlu dan, iridu jifhmu dawn il-proċessi. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-istudenti se jkunu konxji li jeżistu elezzjonijiet għall-membri tal-Parlament Ewropew, huwa importanti li jkunu jafu wkoll li jistgħu jġibu bidla fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' importanza għalihom permezz ta' għodda oħra bħall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, dritt ewlieni tal-UE introdott bit-Trattat ta' Liżbona fl-2009.

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hija ta' natura kollaborattiva, peress li tirrikjedi li ċ-ċittadini mhux biss jaħdmu ma' individwi tal-istess fehma f'pajjiżhom iżda li jsibu appoġġ madwar diversi Stati Membri. Għalhekk, li wieħed isir jaf dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hija wkoll lezzjoni dwar il-kooperazzjoni, l-organizzazzjoni, il-persważjoni u l-persistenza.

**X'hemm fil-modulu edukattiv?**

Il-modulu jikkonsisti f'erba' unitajiet tematiċi, kull waħda b'fokus differenti, li jimxu minn informazzjoni aktar ġenerali dwar l-Unjoni Ewropea għal informazzjoni speċifika u attivitajiet relatati mal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, kif ġej:

1) Introduzzjoni Qasira għall-Unjoni Ewropea
2) Id-Demokrazija fl-Unjoni Ewropea
3) L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej
4) L-iżvilupp u l-promozzjoni ta' Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

Il-modulu jipprovdi l-materjali li ġejjin:

- Pakkett tal-Għalliem, inklużi struzzjonijiet għal kull lezzjoni, it-tweġibiet, informazzjoni addizzjonali, u links għal aktar riċerka.
- Pakkett tal-Istudent li għandu jintuża għax-xogħol fil-klassi u fid-dar fil-forma kemm ta' reviżjoni kif ukoll ta' aktar riċerka. Huma pprovduti links għal siti tal-internet rilevanti disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.
- Preżentazzjonijiet ta' PowerPoint għall-użu fil-klassi li jinkludu test u vidjo (fakultattivi).
- Links għall-fajls tal-vidjos. Il-vidjos kollha li jintużaw fil-modulu huma disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.
- Skeda ta' fatti għal esplorazzjoni ulterjuri tal-istorja tal-Unjoni Ewropea.
- Skeda ta' fatti dwar l-oqsma ta' azzjoni tal-UE.
- Kwiżż tal-ħruġ.

**Kif għandu jiġi mgħallem il-modulu?**

Il-modulu huwa mfassal biex jintuża b'mod flessibbli. Għalkemm huwa mqassam f'erba' unitajiet tematiċi, għandek tħossok liberu li tadatta l-materjal għall-kontenut tat-tagħlim tiegħek (daqs tal-klassi, tagħmir, sigħat disponibbli, eċċ.). Jekk jogħġbok innota li t-taqsimiet ta' informazzjoni addizzjonali fil-Pjan tal-Lezzjoni huma għal skopijiet ta' referenza biss. L-attivitajiet ta' riċerka jistgħu jingħataw bħala xogħol għad-dar jew isiru fil-lezzjoni jekk jippermetti l-ħin u t-tagħmir.

Jekk il-ħin ikun limitat, l-informazzjoni bażika tista' tiġi koperta f'erba' lezzjonijiet. Jekk ikun disponibbli iktar ħin, hemm bosta oqsma li jistgħu jiġu esplorati u diskussi aktar fil-fond jew jipprovdu l-bażi għal ħidma fuq proġett. Attività fakultattiva bbażata fuq proġett tista' tinstab fi tmiem kull modulu.

**Liema approċċi metodoloġiċi jintużaw fil-modulu?**

Il-materjal huwa mfassal biex juża diversi approċċi għat-tagħlim:

- Preżentazzjoni diretta
- Diskussjoni fi grupp
- Ħidma fi grupp
- Ħidma fuq proġett
- Studju individwali
- Ħidma ta' riċerka
- Soluzzjoni ta' problemi
- Reċta bi rwoli
- Iffilmjar

Madankollu, għandek tħossok liberu li tuża kwalunkwe approċċ ieħor li tħoss li se jgħin lill-istudenti jifhmu u jżommu l-informazzjoni koperta fl-unitajiet.

**Terminoloġija**

Għalkemm sar kull sforz biex l-użu ta' terminoloġija speċjalizzata jinżamm għal minimu, iridu jiġu introdotti ċerti kunċetti sabiex issir diskussjoni. Għajnuna bit-termini użati mill-Unjoni Ewropea tista' tinstab hawn: https://eur-lex.europa.eu/summary/glossary.html. Jekk jogħġbok innota li tista' tagħżel il-lingwa uffiċjali ppreferuta tiegħek.

# UNITÀ 1: Introduzzjoni qasira għall-UE

## *PJAN GĦAL-LEZZJONI*

| GĦANIJIET U OBJETTIVI: | L-ISTUDENTI SE JITGĦALLMU: |
|---|---|
| • Identifika l-valuri tal-UE<br>• Introduċi ż-Żona Schengen u s-suq uniku Ewropew<br>• Identifika oqsma ta' azzjoni tal-UE | • Kif l-UE taffettwa ħajjithom b'mod ġenerali<br>• Li l-UE għandha oqsma ta' kompetenza speċifiċi li jħallu impatt fuq il-ħajja tagħhom ta' kuljum |
| **L-ISTUDENTI SE JIPPRATTIKAW:** | **MATERJALI MEĦTIEĠA:** |
| • Ħiliet ta' riċerka<br>• Kif jużaw is-sit web Europa<br>• Jiddiskutu/jaqsmu l-informazzjoni | • Unità 1 PowerPoint<br>• Vidjos 1-3 |

## *Passi għal-Lezzjoni*

### X'NAFU DWAR L-UE?

1) Ikteb il-kliem "UE" fuq il-bord. L-istudenti jintalbu jaħsbu dwar kliem jew frażijiet qosra li jassoċjaw mal-UE. Iktibhom fuq il-bord biex tifforma sħaba ta' kliem. Dan jista' jsir ukoll b'app bħal Mentimeter (fakultattiva).

2) Ħeġġeġ lill-klassi jqattgħu ftit minuti jirriflettu dwar il-kliem li ħasbu fih, eż. is-sentiment huwa wieħed ġeneralment pożittiv/negattiv? L-istudenti x'jassoċjaw mal-UE?

### INTRODUZZJONI QASIRA GĦALL-UE

3) Uri Vidjo 1 (**PowerPoint slajd 2**). Il-vidjo juri l-kisbiet ewlenin tal-Unjoni Ewropea. Staqsi lill-istudenti jekk jagħrfux xi wħud minnhom.

Eżempji: Il-Korp ta' Solidarjetà (żgħażagħ li jgħinu l-komunitajiet); rifuġjati; demokrazija; solidarjetà (Charlie Hebdo); il-Premju Nobel għall-Paċi; il-ħolqien tal-Unjoni Ewropea; ir-riunifikazzjoni tal-Ġermanja; it-Trattat ta' Ruma (1957) li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea.

4) Spjega li l-Unjoni Ewropea nbniet fuq serje ta' trattati li l-pajjiżi membri kollha jimxu magħhom. Dawn jiddefinixxu l-objettivi u l-valuri li ħaddnu l-membri kollha, kif ukoll l-oqsma li tista' taġixxi fihom l-Unjoni Ewropea. Irreferi l-istudenti għal paġna 26 fil-**Pakkett** tagħhom **tal-Istudenti**. Dan se jkun utli għax-xogħol għad-dar tal-istudenti jew jista' jintuża bħala s-suġġett ta' lezzjoni separata jekk tixtieq.

## VALURI TAL-UE

5) Uri Vidjo 2 (**PowerPoint slajd 3**). Il-vidjo jiddeskrivi s-sitt valuri tal-Unjoni Ewropea.

> "L-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi.
>
> Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà li fiha jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel."

6) Uri **PowerPoint slajd 4**. Jekk m'intix tuża PowerPoint, irreferi l-istudenti għal paġna 1 tal-**Pakkett** tagħhom **tal-Istudenti**.

7) Spjega li l-UE għandha 6 valuri ewlenin li jsejsu l-politika u l-azzjonijiet tal-UE.

8) Uża s-sitt valuri fuq il-PowerPoint jew ikteb li ġej fuq il-bord:
   a) Dinjità tal-bniedem
   b) Libertà
   c) Demokrazija
   d) Ugwaljanza
   e) Stat tad-dritt
   f) Drittijiet tal-bniedem

Irreferi l-klassi għal paġna 1 tal-**Pakkett** tagħhom **tal-Istudenti**. Imbagħad, aqsam il-klassi fi gruppi żgħar. Itlob lil kull grupp biex jikklassifika l-valuri skont l-importanza għalihom. Għandhom ikunu jistgħu jiġġustifikaw l-opinjoni tagħhom u jiddefinixxu l-valur. Uża n-noti ta' hawn taħt biex jgħinuk. Jekk jogħġbok innota li ma hemmx ordni "korretta".

# IL-VALURI EWLENIN TAL-UNJONI EWROPEA

## DINJITÀ TAL-BNIEDEM

Il-kunċett tad-dinjità tal-bniedem huwa t-twemmin li l-persuni kollha għandhom valur speċjali marbut biss mal-umanità tagħhom. Ma għandu xejn x'jaqsam mal-klassi, ir-razza, il-ġeneru, ir-reliġjon, l-abiltajiet tagħhom jew kwalunkwe fattur ieħor għajr il-fatt li huma umani.

Id-dinjità tal-bniedem tiġġustifika d-drittijiet tal-bniedem. Meta l-persuni jinqasmu jingħataw valur abbażi tal-karatteristiċi bħall-klassi, il-ġeneru, ir-reliġjon u l-bqija, dan joħloq soċjetajiet mhux ugwali fejn tirrenja d-diskriminazzjoni. Persuni li jiġu assenjati valur ogħla jiksbu trattament ta' preferenzi. Kull min ma joqgħodx fil-kategorija privileġġata jista' jiġi abbandunat jew oppress.

## LIBERTÀ

Il-libertà tal-moviment tagħti liċ-ċittadini d-dritt li jiċċaqilqu u jgħixu liberament fl-Unjoni. Il-libertajiet individwali bħar-rispett għall-ħajja privata, il-libertà tal-ħsieb, ir-reliġjon, l-għaqda, l-espressjoni u l-informazzjoni huma protetti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

## DEMOKRAZIJA

L-UE tiffunzjona fuq demokrazija rappreżentattiva u parteċipatorja. Li tkun ċittadin Ewropew ifisser li tgawdi minn drittijiet politiċi. Kull ċittadin tal-UE adult għandu d-dritt li joħroġ bħala kandidat u jivvota fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. Iċ-ċittadini tal-UE għandhom id-dritt li joħorġu bħala kandidati u jivvutaw fil-pajjiż ta' residenza tagħhom, jew fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Iċ-ċittadini jistgħu wkoll jaffettwaw il-politika tal-UE direttament permezz ta' għodod bħall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej.

## UGWALJANZA

L-ugwaljanza tikkonċerna drittijiet ugwali għaċ-ċittadini kollha quddiem il-liġi. Il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel isejjes il-politiki Ewropej kollha u huwa l-bażi għall-integrazzjoni Ewropea. Dan japplika fl-oqsma kollha. Il-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali sar parti mit-Trattat ta' Ruma fl-1957.

## STAT TAD-DRITT

L-UE hija bbażata fuq l-istat tad-dritt. Kulma tagħmel l-UE huwa bbażat fuq it-trattati, maqbula b'mod volontarju u demokratiku mill-pajjiżi tal-UE tagħha. Il-liġi u l-ġustizzja jiġu sostnuti minn ġudikatura indipendenti. Il-pajjiżi tal-UE taw il-ġuriżdizzjoni finali lill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea li s-sentenzi tagħha jridu jiġu rrispettati minn kulħadd.

## DRITTIJIET TAL-BNIEDEM

Id-drittijiet tal-bniedem huma protetti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Dawn ikopru d-dritt li wieħed ikun ħieles mid-diskriminazzjoni abbażi ta' sess, oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali tiegħek u d-dritt li tikseb aċċess għall-ġustizzja.



L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

9) Il-gruppi mistiedna jaqsmu l-aqwa għażliet tagħhom u r-raġunament mal-klassi. Ħalli lil kull grupp jippreżenta fil-qosor l-ideat tiegħu mbagħad ftit minuti oħra għal diskussjoni fi grupp.

## IŻ-ŻONA SCHENGEN

10) Staqsi lill-istudenti liema (jekk hemm) Stati Membri tal-Unjoni Ewropea żaru, imbagħad staqsi jekk xi wħud minnhom żarux pajjiżi barra l-Unjoni. Staqsi lill-istudenti biex iqabblu dawn l-esperjenzi. Ħeġġeġ lill-istudenti jaħsbu f'termini ta' faċilità ta' qsim tal-fruntieri, tul tas-soġġorn, rekwiżiti tal-viża, eċċ.

Iż-Żona Schengen mingħajr fruntieri tiggarantixxi moviment liberu għal aktar minn 400 miljun ċittadin tal-UE, flimkien ma' ċittadini mhux tal-UE li jgħixu fl-UE jew iżuru l-UE bħala turisti, studenti ta' skambju jew għal finijiet ta' negozju (kull min huwa preżenti fl-UE legalment).

11) Uri **PowerPoint slajd 5**. Jekk m'intix tuża PowerPoint, ikteb "Żona Schengen" fuq il-bord.

12) Itlob lill-istudenti jiktbu l-pajjiżi kollha ta' Schengen li jistgħu jaħsbu fihom fil-**Pakkett** tagħhom **tal-Istudenti** (p2). Imbagħad, uri **PowerPoint slajd 6**. Jekk m'intix tuża PowerPoint, aqra t-tweġibiet mill-kaxxa ta' informazzjoni.





L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

Membri taż-Żona Schengen (Jannar 2023):

l-Awstrija, il-Belġju, , iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, l-Iżlanda, l-Iżvezja, l-Iżvizzera, il-Kroazja, il-Latvja, il-Liechtenstein, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, Slovakkja, Slovenja, Spanja, u l-Ungerija.

Ir-Rumanija, il-Bulgarija u Ċipru għadhom (minn Jannar 2023) membri kandidati. Ir-Repubblika tal-Irlanda ħarġet mill-ftehim.

https://home-affairs.ec.europa.eu/policies/schengen-borders-and-visa/schengen-area_en

## IS-SUQ UNIKU U L-UNJONI DOGANALI

13) Uri Vidjo 3 (**PowerPoint slajd 7**). Il-vidjo jipprovdi spjegazzjoni tal-vantaġġi tas-suq uniku.

14) Mur fuq **PowerPoint slajd 8** jew ikteb fuq il-bord: Merkanzija, Kapital, Servizzi, Persuni. Spjega li hemm moviment liberu għal dawn kollha fis-suq uniku.

15) Aqsam il-klassi f'erba' gruppi u assenja libertà waħda lil kull grupp. Agħti lill-gruppi ftit minuti biex jaħsbu dwar il-vantaġġi ta' dawn il-libertajiet mil-lat ta' a) negozju u b) ċittadini tal-UE. Itlobhom jaħsbu f'modi kif ibbenifikaw personalment.

Moviment liberu tal-merkanzija

Il-moviment liberu tal-merkanzija jfisser li ma hemm l-ebda dazju doganali u restrizzjonijiet kwantitattivi bejn l-Istati Membri. Dan ifisser li l-fornituri huma liberi jbigħu l-merkanzija tagħhom madwar l-UE bl-ebda limitazzjoni, li jippermettilhom jespandu n-negozju tagħhom. Il-klijenti huma liberi jixtru minn madwar l-Unjoni kollha u jfittxu l-aħjar offerta.

L-istandardizzazzjoni madwar l-Unjoni tfisser li l-konsumaturi jistgħu jkunu żguri li prodott li nxtara minn kwalunkwe Stat Membru jsir għall-istess standards minimi, f'termini ta' kwistjonijiet bħall-prestazzjoni u s-sikurezza. Id-drittijiet tal-konsumatur tagħhom ukoll jiġu protetti, kull fejn jixtru fl-UE.

https://www.europarl.europa.eu/factsheets/mt/sheet/38/free-movement-of-goods

Moviment liberu tal-kapital

Il-moviment liberu tal-kapital jippermetti liċ-ċittadini jagħmlu bosta operazzjonijiet barra mill-pajjiż, bħal li jiftħu kontijiet bankarji, ibigħu ishma f'kumpaniji mhux domestiċi, jinvestu fejn ikun hemm l-aħjar redditu u jixtru proprjetà.

Il-kumpaniji Ewropej jistgħu jinvestu fi u jkunu sidien ta' kumpaniji Ewropej oħra u jieħdu sehem attiv fil-ġestjoni tagħhom. Jistgħu wkoll jiġbru l-flus, pereżempju self, fejn ikun l-orħos.

https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/banking-and-finance/financial-markets/capital-movements_mt

Moviment liberu tas-servizzi

Il-professjonisti u l-kumpaniji huma liberi jipprovdu s-servizzi tagħhom fi kwalunkwe post fl-Unjoni, jew temporanjament jew b'mod permanenti. Sabiex isir dan, l-UE ilha taħdem biex tagħmilha faċli ħalli l-kwalifiki jiġu rikonoxxuti madwar l-Unjoni.

Pereżempju, offerti tal-gvern għas-servizzi (b'xi eċċezzjonijiet) issa jiġu rreklamati madwar l-UE, li jippermetti lill-kumpaniji/konsorzji madwar l-UE jissottomettu offerta. Dan jippermetti l-potenzjal ta' introjtu għall-kumpaniji u l-gvernijiet biex jagħżlu l-aktar offerta ta' benefiċċju minn medda usa'.

https://www.europarl.europa.eu/factsheets/mt/sheet/40/freedom-of-establishment-and-freedom-to-provide-services

Moviment liberu tal-persuni

Iċ-ċittadini tal-UE għandhom id-dritt li jimxu għal kwalunkwe pajjiż tal-UE biex jgħixu, jaħdmu, jistudjaw, ifittxu impjieg jew jirtiraw. Jistgħu jibqgħu f'pajjiż ieħor tal-UE sa 3 xhur mingħajr ma jirreġistraw hemm iżda jaf ikollhom bżonn jirrapportaw il-preżenza tagħhom. L-uniku rekwiżit huwa li jkollhom karta tal-identità nazzjonali jew passaport validu. Jekk jibqgħu aktar minn 3 xhur, ikollhom bżonn jirreġistraw ir-residenza tagħhom. Il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema tfisser it-tneħħija ta' kwalunkwe diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità fir-rigward ta' impjieg, remunerazzjoni u kundizzjonijiet oħra tax-xogħol u tal-impjieg. Barra minn hekk, dan l-artikolu jistipula li ħaddiem tal-UE għandu d-dritt li jaċċetta offerta tal-impjieg li ssirlu, li jmur jgħix fil-pajjiż liberament, li jibqa' minħabba impjieg u li jibqa' wara taħt ċerti kundizzjonijiet.

https://europa.eu/youreurope/citizens/residence/residence-rights/index_mt.htm#eu-citizen

https://www.europarl.europa.eu/factsheets/mt/sheet/41/free-movement-of-workers

## OQSMA TA' AZZJONI

16) Uri **PowerPoint slajd 9** jew irreferi lill-istudenti għall-iskeda ta' fatti f'paġna 30 tal-**Pakkett tal-Istudenti**.

L-Unjoni Ewropea tista' taġixxi biss f'dawk l-oqsma fejn l-Istati Membri jkunu awtorizzawha tagħmel dan, permezz tat-trattati tal-UE.

17) Itlob lill-istudenti jwieġbu fil-**Pakkett** tagħhom **tal-Istudenti** (p3) taħt liema qasam ta' azzjoni jaqgħu dawn li ġejjin:

1. Tirċievi garanzija ta' mill-inqas sentejn meta tixtri laptop ġdid. (Protezzjoni tal-konsumatur)
2. Jekk it-titjira tiegħek tittardja għal ħin twil jew tiġi kkanċellata, tirċievi kumpens. (Transport)
3. Il-kwalifiki tiegħek f'pajjiż wieħed tal-UE jiġu rikonoxxuti f'pajjiż ieħor. (Suq Uniku)
4. L-ammont minimu ta' 20 jum frank fis-sena għal impjegat full-time. (Impjieg u affarijiet soċjali)
5. L-ammont massimu ta' bakkaljaw li jistgħu jaqbdu s-sajjieda. (Sajd)
6. L-ammont ta' enerġija (gass/elettriku) li jeħtieġ jiġi minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, bħall-enerġija solari u mir-riħ. (Enerġija)
7. L-ammont massimu ta' partikoli fini li jitħallew ikunu fl-arja. (Ambjent)

It-trattati jispeċifikaw min jista' jgħaddi liġijiet f'liema oqsma: l-UE, il-gvernijiet nazzjonali jew it-tnejn li huma. Spjega li l-UE għandha diversi livelli ta' kompetenza:

L-UE għandha tliet livelli ta' kompetenza **(PowerPoint slajd 9)**:

a) Kompetenza esklużiva, fejn l-Unjoni biss tista' tilleġiżla, u l-Istati Membri jistgħu biss jimplimentaw. (eż., Unjoni Doganali, regoli tal-kompetizzjoni għas-suq uniku, politika monetarja għall-pajjiżi taż-żona tal-euro)
b) Kompetenza kondiviża, fejn l-Istati Membri jistgħu jilleġiżlaw u jadottaw miżuri legalment vinkolanti jekk l-Unjoni ma tkunx għamlet dan. (eż. agrikoltura, sajd, ambjent, protezzjoni tal-konsumatur, trasport, enerġija eċċ.)
c) Kompetenza ta' sostenn, fejn l-UE tadotta miżuri biex tappoġġa jew tikkomplementa l-politiki tal-Istati Membri. (eż., protezzjoni u titjib tas-saħħa tal-bniedem, industrija, kultura, turiżmu, edukazzjoni, taħriġ vokazzjonali, żgħażagħ u sport, protezzjoni ċivili, kooperazzjoni amministrattiva) (**PowerPoint slajd 10**).

https://eur-lex.europa.eu/MT/legal-content/summary/division-of-competences-within-the-european-union.html

## TMIEM IL-LEZZJONI

18) Żgura li l-istudenti jifhmu x'għandhom jagħmlu għax-xogħol għad-dar fil-**Pakkett** tagħhom **tal-Istudenti** (pp. 5-7).

19) Biex tispiċċa s-sessjoni, itlob lill-istudenti jirriflettu mbagħad iddiskuti fil-qosor informazzjoni li saru jafu għall-ewwel darba matul il-lezzjoni.

## ATTIVITÀ FAKULTATTIVA

Għal-lezzjoni li jmiss, itlob lill-istudenti jieħdu nota tal-affarijiet li jiltaqgħu magħhom fil-ħajja tagħhom ta' kuljum li ġew influwenzati mil-leġiżlazzjoni tal-UE. L-istudenti jaqsmu xi jsibu fil-bidu tal-unità li jmiss.

Tweġibiet għal Unità 1 Rieżami tal-Lezzjoni

Eż. 1) 1b, 2d, 3c, 4a, 5e
Eż. 2) I. b, II. e, III. c, IV. d, V. a
Eż. 3) It-tweġibiet tal-istudenti:
dinjità, libertà, demokrazija, ugwaljanza, stat tad-dritt, drittijiet tal-bniedem.

Eż. 4)

a) F (l-Iżvizzera, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżlanda)
b) V
c) F (Xorta għandek bżonn identifikazzjoni fl-ajruporti, biex tirreġistra f'lukanda, eċċ. Bosta pajjiżi jirrikjedu wkoll li xi persuni jkollhom magħhom forma ta' identifikazzjoni)
d) V (L-ebda mill-pajjiżi bi fruntieri fuq l-art mal-Greċja ma huma membri ta' Schengen)
e) F (Lanqas ma hemm kontroll tal-immigrazzjoni bejn Spanja u Franza. Imma anke jekk imorru Franza minn pajjiż mhux tal-UE, il-ħabib se jkollu viża ta' Schengen, li hija valida għal Franza).

Eż. 5)

a) Kapital/persuni
b) Servizzi/kapital
c) Merkanzija/kapital/stabbiliment
d) Merkanzija/kapital
e) Persuni

Eż. 6) It-tweġibiet tal-istudenti.

Eż. 7)

a) Kondiviża
b) Ta' appoġġ
c) Esklużiva

# UNITÀ 2: Id-demokrazija fl-Unjoni Ewropea

## *PJAN GĦAL-LEZZJONI*

**GĦANIJIET U OBJETTIVI:**

- Introduċi l-idea ta' demokrazija parteċipatorja
- Introduċi l-korpi leġiżlattivi ewlenin tal-UE
- Spjega kif isiru l-liġijiet tal-UE
- Introduċi l-idea tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

**L-ISTUDENTI SE JITGĦALLMU:**

- L-istituzzjonijiet ewlenin tal-UE
- Kif tilleġiżla l-UE
- Kif jistgħu jaffettwaw il-politiki tal-UE

**L-ISTUDENTI SE JIPPRATTIKAW:**

- Ħiliet ta' riċerka
- Kif jużaw is-sit web Europa
- Diskussjoni/kondiviżjoni ta' informazzjoni

**MATERJALI MEĦTIEĠA:**

- Unità 2 PowerPoint
- Vidjos 4-6

## *Passi għal-Lezzjoni*

1) Iċċekkja x-xogħol għad-dar mil-lezzjoni preċedenti, inkluż tagħrif mill-attività fakultattiva jekk saret.

### INTRODUZZJONI

2) Ikteb il-kelma "Demokrazija" fuq il-bord. Staqsi lill-istudenti x'jifhmu bit-terminu. Ippermetti lill-istudenti jiddiskutu x'jafu dwar l-istituzzjonijiet demokratiċi f'pajjiżhom.

3) Uri **PowerPoint slajd 2**. Spjega li fil-lezzjoni tal-lum se titkellmu dwar żewġ tipi ta' demokrazija: demokrazija rappreżentattiva u demokrazija parteċipatorja.

**Demokrazija rappreżentattiva** hija l-forma ta' gvern li fiha n-nies **jeleġġu** r-rappreżentanti tagħhom (eż., membri tal-parlament) li **jawtorizzaw** biex jipproponu u jgħaddu l-leġiżlazzjoni f'isimhom.

**Demokrazija parteċipatorja** tirreferi għall-mekkaniżmu li permezz tiegħu ċ-ċittadini huma **involuti fi proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi**, b'hekk jikkomplementaw id-demokrazija rappreżentattiva.

### IL-KORPI TA' TEĦID TA' DEĊIŻJONIJIET TAL-UE

4) Uri **PowerPoint slajd 3**. Spjega li l-UE għandha tliet istituzzjonijiet ewlenin responsabbli biex jipproponu u jgħaddu l-leġiżlazzjoni: il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-UE.



L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

5) Uri **PowerPoint slajd 4**. Introduċi l-Kummissjoni Ewropea.

**X'Tagħmel il-Kummissjoni Ewropea?**

**Tipproponi liġijiet ġodda**

Il-Kummissjoni Ewropea hija l-unika istituzzjoni tal-UE li għandha d-dritt li tressaq liġijiet għall-adozzjoni mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-UE li:

- jipproteġu l-interessi tal-UE u ċ-ċittadini tagħha dwar kwistjonijiet li ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod effettiv fil-livell nazzjonali
- jagħmlu d-dettalji tekniċi kif suppost billi ssir konsultazzjoni mal-esperti u l-pubbliku

**Timmaniġġja l-politiki tal-UE u talloka finanzjament tal-UE**

- tistabbilixxi l-prijoritajiet ta' nfiq tal-UE, flimkien mal-Kunsill u l-Parlament
- tfassal baġits annwali għall-approvazzjoni mill-Parlament u l-Kunsill
- tissorvelja kif jintefqu l-flus, taħt l-iskrutinju tal-Qorti tal-Awdituri

**Tinforza d-dritt tal-Unjoni**

- flimkien mal-Qorti tal-Ġustizzja, tiżgura li d-dritt tal-Unjoni jiġi applikat kif xieraq fil-pajjiżi membri kollha

**Tirrappreżenta lill-UE fix-xena internazzjonali**

- titkellem f'isem il-pajjiżi kollha tal-UE f'korpi internazzjonali, b'mod partikolari f'oqsma tal-politika kummerċjali u l-għajnuna umanitarja
- tinnegozja ftehimiet internazzjonali għall-UE

**Kompożizzjoni**

It-tmexxija politika hija pprovduta minn tim ta' 27 Kummissarju (wieħed minn kull pajjiż tal-UE) – immexxi mill-President tal-Kummissjoni, li jiddeċiedi min huwa responsabbli għal liema qasam ta' politika. Il-President jiġi nnominat mill-Kunsill Ewropew (li jirrappreżenta l-Kapijiet ta' Stat jew gvern minn kull pajjiż tal-UE) filwaqt li jitqiesu r-riżultati tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. Imbagħad jiġi approvat mill-Parlament Ewropew. Il-membri l-oħra jiġu nnominati mill-pajjiżi tagħhom u jgħaddu minn proċedura ta' approvazzjoni li tinvolvi l-President il-ġdid, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill Ewropew.

https://european-union.europa.eu/institutions-law-budget/institutions-and-bodies/institutions-and-bodies-profiles/european-commission_mt

6) Uri **PowerPoint slajd 5**. Introduċi l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

**X'jagħmel il-Kunsill tal-UE?**

**Jinnegozja u jadotta liġijiet tal-UE**
Il-Kunsill huwa deċiżur essenzjali tal-UE.
Jinnegozja u jadotta atti leġiżlattivi fil-biċċa l-kbira tal-każijiet flimkien mal-Parlament Ewropew. Huwa magħmul minn ministri mill-pajjiżi kollha tal-UE.

**Jikkoordina l-politiki tal-Istati Membri**

Il-Kunsill huwa responsabbli għall-koordinazzjoni tal-politiki tal-Istati Membri f'oqsma speċifiċi, bħal:

- politiki ekonomiċi u fiskali
- edukazzjoni, kultura, żgħażagħ u sport
- politika dwar l-impjiegi

**Jiżviluppa l-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE**
Il-Kunsill jiddefinixxi u jimplimenta l-politika estera u ta' sigurtà tal-UE abbażi tal-linji gwida stabbiliti mill-Kunsill Ewropew. Dan jinkludi wkoll l-iżvilupp tal-UE u għajnuna umanitarja, difiża u kummerċ.

**Jikkonkludi ftehimiet internazzjonali**
Il-Kunsill jipprovdi l-mandat lill-Kummissjoni biex tinnegozja f'isem il-ftehimiet tal-UE bejn il-pajjiżi tal-UE u mhux tal-UE u l-organizzazzjonijiet internazzjonali. Fi tmiem in-negozjati, il-Kunsill jiddeċiedi dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-ftehim.

**Jadotta l-baġit tal-UE**

Il-Kunsill jadotta l-baġit tal-UE flimkien mal-Parlament.

Il-perjodu tal-baġit ikopri sena kalendarja. Normalment jiġi adottat f'Diċembru u jibda mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara.

https://www.consilium.europa.eu/en/council-eu/

7) Uri Vidjo 4 (**PowerPoint slajd 6**) dwar l-elezzjonijiet tal-UE. Staqsi lill-istudenti jekk jafux min huwa l-MEP lokali tagħhom. Meta saru l-aħħar elezzjonijiet? Meta se jsiru l-elezzjonijiet li jmiss? Jaħsbu li huwa importanti li jivvutaw fl-elezzjonijiet? Għaliex (le)?

8) Uri **PowerPoint slajd 7**. Introduċi l-Parlament Ewropew.

**X'jagħmel il-Parlament Ewropew?**

**Jilleġiżla**

- Jgħaddi liġijiet tal-UE, flimkien mal-Kunsill tal-UE, abbażi tal-proposti mill-Kummissjoni Ewropea
- Jiddeċiedi dwar ftehimiet internazzjonali
- Jiddeċiedi dwar tkabbir
- Jirrieżamina l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni u jitlobha tipproponi leġiżlazzjoni

**Jissorvelja**

- Skrutinju demokratiku tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE [hawn uża lingwaġġ sempliċi biex l-istudenti jifhmu aħjar]
- Jeleġġi l-President tal-Kummissjoni u japprova l-Kummissjoni bħala korp. Possibbiltà ta' votazzjoni ta' mozzjoni ta' ċensura, li tobbliga lill-Kummissjoni tirriżenja
- Jagħti l-kwittanza jiġifieri japprova l-mod kif intefqu l-baġits tal-UE
- Jeżamina l-petizzjonijiet taċ-ċittadini u jistabbilixxi inkjesti
- Jiddiskuti l-politika monetarja mal-Bank Ċentrali Ewropew
- Jagħmel mistoqsijiet lill-Kummissjoni u l-Kunsill
- Osservazzjonijiet tal-elezzjonijiet

**Jipprepara l-baġit**

- Jadotta l-baġit tal-UE, flimkien mal-Kunsill
- Japprova l-baġit fit-tul tal-UE, il-"Qafas Finanzjarju Pluriennali"

**Kompożizzjoni**

L-elezzjonijiet isiru kull 5 snin. L-għadd ta' MEPs għal kull pajjiż huwa bejn wieħed u ieħor proporzjonat għall-popolazzjoni tiegħu: l-ebda pajjiż ma jista' jkollu inqas minn 6 jew aktar minn 96 MEP u l-għadd totali ma jistax jaqbeż is-705 (704 u l-President). L-MEPs huma raggruppati skont l-affinità politika, mhux skont in-nazzjonalità.
Il-President jirrappreżenta l-Parlament lil istituzzjonijiet oħra tal-UE u d-dinja ta' barra u jagħti l-approvazzjoni finali għall-baġit tal-UE.

https://european-union.europa.eu/institutions-law-budget/institutions-and-bodies/institutions-and-bodies-profiles/european-parliament_mt

## IL-PROĊESS TAT-TFASSIL TAL-LIĠIJIET

9) Itlob lill-istudenti jispjegaw kif jgħaddu l-liġijiet fil-pajjiż tagħhom. Jekk meħtieġ, spjega.

10) Uri Vidjo 5 (**PowerPoint slide 8**), li jispjega kif jgħaddu l-liġijiet fl-UE. Spjega li l-mod kif l-UE tasal għad-deċiżjonijiet jiżgura li jitqiesu l-fehmiet u l-ħtiġijiet tal-partijiet kollha involuti: l-UE bħala korp, l-Istati Membri individwali, u ċ-ċittadini ta' dawk l-istati.

11) Uri **PowerPoint slajd 9**. Uża d-dijagramma sekwenzjali biex tiċċekkja li l-istudenti fehmu l-elementi bażiċi tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

### *Il-Proċess tat-Tfassil tal-Liġijiet*

NB din hija deskrizzjoni simplifikata.

1. Il-Kummissjoni Ewropea tipproponi liġijiet u politiki fuq inizjattiva proprja. Din tista' wkoll twieġeb għal stediniet biex tagħmel dan:
   - mill-Kunsill Ewropew (il-kapijiet ta' stat jew il-gvern ta' kull pajjiż tal-UE)
   - mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (il-ministri tal-gvern minn kull pajjiż tal-UE)
   - mill-Parlament Ewropew (elett direttament miċ-ċittadini tal-UE)
   - miċ-ċittadini nfushom, wara Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej li tkun irnexxiet

2. Il-Kummissjoni tibda konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u ċ-ċittadini, imbagħad tibgħat il-proposta tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE.
3. Imbagħad ikun hemm sensiela possibbli ta' emendi/kontroemendi.
4. Jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-UE finalment jaqblu, il-proposta tiġi adottata.

Xi atti (regolamenti u deċiżjonijiet) jsiru awtomatikament vinkolanti madwar l-UE fid-data li jidħlu fis-seħħ. Oħrajn (direttivi) iridu jiġu inkorporati fil-liġi nazzjonali mill-pajjiżi tal-UE. Il-Kummissjoni tissorvelja jekk il-liġijiet tal-UE jiġux applikati korrettament u fil-ħin u tieħu azzjoni jekk ma jsirx dan. F'dan ir-rwol, il-Kummissjoni tissejjaħ il-"gwardjan tat-trattati".

https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process_mt

https://www.europarl.europa.eu/about-parliament/mt/powers-and-procedures/legislative-powers

## INTRODUZZJONI TAL-INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

12) Uri Vidjo 6 (**PowerPoint slajd 10**), li jintroduċi l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej Spjega lill-istudenti li l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej hija mod kif iċ-ċittadini ta' kuljum jinfluwenzaw il-politika tal-UE – forma ta' demokrazija parteċipatorja.

Għal aktar informazzjoni dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, jekk jogħġbok uża l-link ta' hawn taħt (l-informazzjoni hija disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE):

https://europa.eu/citizens-initiative

## TMIEM IL-LEZZJONI

13) Iċċekkja li l-istudenti jifhmu x'meħtieġa jagħmlu għal-lezzjoni li jmiss fil-**Pakkett tal-Istudenti** (pp.13-15).

14) Qabel jitilqu, l-istudenti jintalbu jingħaqdu f'pari u jaħsbu fi tliet mistoqsijiet li għandhom jistaqsu lill-par tagħhom dwar il-kontenut tal-lezzjoni. Jistaqsu u jwieġbu lil xulxin.

## ATTIVITÀ FAKULTATTIVA

L-istudenti joħolqu stħarriġ qasir għall-ħbieb tal-iskola tagħhom biex isiru jafu kemm jafu dwar kif topera l-Unjoni Ewropea u għal xiex hija responsabbli. Janalizzaw u jiddiskutu r-riżultati fil-klassi.

Tweġibiet għal Unità 2 Rieżami tal-Lezzjoni

Eż. 1) a. Km Kn b. P c. Km d. Kn e. P Kn f. Km g. P h. P Kn

Eż. 2) a. 3 b. 1 c. 4 d. 6 e. 2 f. 5

Eż. 3) a. F (il-Kummissjoni biss) b. F (il-Parlament u l-Kunsill) c. V d. V e. F (f'oqsma ta' azzjoni fejn għandu kompetenza biss)

# UNITÀ 3: L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

## *PJAN GĦAL-LEZZJONI*

| GĦANIJIET U OBJETTIVI: | L-ISTUDENTI SE JITGĦALLMU: |
|---|---|
| • Introduċi l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej<br>• Ħeġġeġ lill-istudenti jaħsbu dwar kwistjonijiet li huma importanti għalihom u li jkunu rilevanti fil-livell tal-UE | • X'inhi l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej<br>• Ir-regoli tat-tmexxija tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej<br>• X'jagħmel kampanja tirnexxi |
| **L-ISTUDENTI SE JIPPRATTIKAW:** | **MATERJALI MEĦTIEĠA:** |
| • Ippjanar<br>• Kooperazzjoni bħala tim<br>• Ħsieb minn qabel<br>• Navigazzjoni tas-siti web tal-IĊE u Europa | • Unità 3 PowerPoint<br>• Vidjos 6 u 7 |

## *Passi għal-Lezzjoni*

1) Iċċekkja x-xogħol għad-dar mil-lezzjoni preċedenti, inkluż ir-riżultati mill-attività fakultattiva jekk saret.

2) L-istudenti kellhom jippreparaw biex iwieġbu l-mistoqsijiet li ġejjin:
   a) Kemm tagħti attenzjoni għall-ħidma tal-Unjoni Ewropea? Issegwiha fuq il-media soċjali/l-aħbarijiet?
   b) Taħseb li l-mod kif jittieħdu d-deċiżjonijiet mill-Unjoni Ewropea huwa demokratiku?
   c) Taħseb li hemm modi kif l-Unjoni Ewropea tista' ssir aktar demokratika?

Ħalli ħin għad-diskussjoni.

### L-INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ – IL-PASSI

3) Bil-**Pakkett tal-Istudenti** magħluq, staqsi lill-istudenti x'jiftakru dwar l-IĊE mil-lezzjoni preċedenti. Imbagħad, erġa' uri Vidjo 6 (**PowerPoint slajd 2**).

Passi Ewlenin

1. Sib sitt persuni oħra minn sitt pajjiżi oħra tal-UE, li huma eleġibbli biex jivvutaw fl-elezzjonijiet Ewropej, biex jiffurmaw tim miegħek.
2. Iddefinixxi l-objettiv tiegħek u itlob lill-Kummissjoni biex tirreġistra l-inizjattiva.
3. Wara deċiżjoni pożittiva, l-inizjattiva tiġi ppubblikata fuq is-sit web.
4. Iġbor miljun firma minn tal-inqas 7 pajjiżi tal-UE fi żmien 12-il xahar (online jew fuq karta).
5. Ikseb id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ ivverifikati mill-awtoritajiet nazzjonali.
6. Issottometti l-inizjattiva tiegħek lill-Kummissjoni.
7. Laqgħa mal-Kummissjoni.
8. Seduta pubblika fil-Parlament Ewropew.
9. Rispons mill-Kummissjoni Ewropea.
10. Segwitu mill-Kummissjoni dwar l-azzjonijiet proposti, jekk applikabbli.

Aktar dettalji jistgħu jinstabu hawn: https://europa.eu/citizens-initiative

4) Staqsi x'passi għandhom jiġu segwiti biex tinħoloq inizjattiva. Ippermetti r-rispons, imbagħad uri **PowerPoint slajd 3** jew itlob lill-istudenti jiftħu l-**Pakkett tal-Istudenti** fuq paġna 16.

## X'JAGĦMEL INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ TA' SUĊĊESS?

5) Bħala parti mix-xogħol għad-dar tagħhom, l-istudenti ntalbu jħejju dan li ġej: *Mur fuq https://europa.eu/citizens-initiative. Sib inizjattiva li tkun lest tappoġġa. Għal-lezzjoni li jmiss, kun lest li tispjega għaliex tappoġġa din l-inizjattiva.* Itlob lill-istudenti kollha (jew agħżel diversi) biex jaqsmu xi ddeċidew fil-klassi.

6) Staqsi lill-klassi jekk ikunux ippreparati jappoġġaw l-inizjattivi msemmija. Hemm xi wħud li ma jappoġġawx? Għaliex?

7) Staqsi lill-klassi x'jagħmel IĊE tajba. Staqsihom, f'termini ġenerali, xi jkunu l-elementi ta' IĊE ta' suċċess.

Tweġibiet suġġeriti:

- Trid tkun xi ħaġa li taffettwa kwistjoni fil-maġġoranza tal-pajjiżi tal-UE.
- Irid ikollha attraenza wiesgħa.
- Trid tkun xi ħaġa li tista' tiġi lleġiżlata (aktar milli sempliċiment kwistjoni morali).
- Għandha tintalab azzjoni speċifika (mhux biss "xi ħaġa li għandha ssir").
- Għandu jkun hemm konnessjoni ċara bejn x'qed tintalab tagħmel il-Kummissjoni u s-soluzzjoni għall-kwistjoni.

8) Uri vidjo 7 (**PowerPoint slajd 4**).

9) Uri **PowerPoint slajd 5** jew itlob lill-istudenti jmorru fuq paġna 30 fil-**Pakkett tal-Istudenti**. Spjega li l-inizjattivi jridu jaqgħu f'wieħed mill-oqsma ta' azzjoni tal-UE li għalihom il-Kummissjoni tista' tressaq proposta għal att legali. Itlob lil kull grupp biex joħroġ b'idea għal inizjattiva li tkun f'wieħed mill-oqsma ta' azzjoni. Ippermetti ħin għad-diskussjoni imbagħad biex kull grupp jipprovdi feedback.

Eżempji ta' oqsma ta' azzjoni tal-UE: Agrikoltura u drittijiet tal-annimali, Ambjent u klima, Sikurezza tal-ikel, Kura tas-saħħa, Protezzjoni tal-konsumatur, Kultura u media, Edukazzjoni, żgħażagħ u sport, Enerġija, Nondiskriminazzjoni, Għajnuna umanitarja, Trasport.

Iċċekkja wkoll:
https://europa.eu/citizens-initiative/how-it-works/how-start-initiative-step-step/faq-eu-competences-and-commission-powers_mt

Biex tkun ċert jekk il-Kummissjoni tistax tipproponi att legali, għandek tfittex referenzi espliċiti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ara l-eżempji li ġejjin:

**TRATTAT DWAR IL-FUNZJONAMENT TAL-UNJONI EWROPEA (VERŻJONI KONSOLIDATA)**

**IT-TIELET PARTI**

**POLITIKA U AZZJONIJIET INTERNI TA' L-UNJONI**

**TITOLU XX**

**L-AMBJENT**

*Artikolu 192*

***(ex Artikolu 175 TKE)***

1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skond il-proċedura leġislattiva ordinarja wara li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni, għandhom jiddeċiedu liema azzjoni għandha tittieħed mill-Unjoni sabiex twettaq l-objettivi msemmija fl-Artikolu 191.

EUR-Lex - 12012E192 - EN - EUR-Lex (europa.eu)

**12008E078**

**Verżjoni konsolidata tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea - IT-TIELET PARTI: POLITIKA U AZZJONIJIET INTERNI TA' L-UNJONI - TITOLU V: L-ISPAZJU TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA - Kapitolu 2: Politika dwar kontrolli fil-fruntieri, l-asil u l-immigrazzjoni - Artikolu 78 (ex Artikoli 63, punti 1 u 2, u 64(2) TKE)**

*Official Journal 115 , 09/05/2008 P. 0076 - 0077*

Artikolu 78

(ex Artikoli 63, punti 1 u 2, u 64(2) TKE)

3. F'każ li Stat Membru wieħed jew iktar isibu ruħhom f'sitwazzjoni ta' emerġenza karatterizzata minn dħul f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jadotta miżuri provviżorji għall-benefiċċju ta' l-Istat(i) Membru(i) konċernat(i). Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

---------------------------------------------------

EUR-Lex - 12008E078 - EN - EUR-Lex (europa.eu)

https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/PDF/?uri=OJ:C:2016:202:FULL&from=en#page=17

10) Poġġi l-ideat fuq il-bord u itlob lill-istudenti jivvutaw għal idea li kollha (jew il-maġġoranza) jappoġġaw.

11) Itlob lill-istudenti jmorru lura għall-gruppi tagħhom. Filwaqt li żżomm f'moħħok il-proċedura tal-IĊE, itlob lill-istudenti jikkunsidraw kif jipproċedu b'din il-kampanja, billi tiffoka fuq (**PowerPoint slajd 6**):

- Xi ssemmiha l-kampanja?
- X'tagħmel biex issib sħab f'6 pajjiżi oħra tal-UE?
- Fuq xiex jaf ikollok bżonn tonfoq il-flus?
- Kif tiġbor fondi għall-kampanja tiegħek?
- Kif "tbigħ" l-idea tiegħek biex tikseb il-firem?
- Kif tattira l-attenzjoni tal-media?

L-istudenti jistgħu jieħdu noti fil-**Pakkett tal-Istudenti**

12) Erġa' għaqqad il-grupp u ikseb il-feedback tal-istudenti.

## TMIEM IL-LEZZJONI

13) Iċċekkja jekk l-istudenti jafux x'għandhom jagħmlu għax-xogħol għad-dar (pp. 18-19).

## ATTIVITÀ FAKULTATTIVA

L-istudenti joħolqu kaxxa ta' suġġerimenti jew iwettqu stħarriġ online biex isiru jafu xi kwistjonijiet studenti oħra fl-iskola tagħhom huma mħassba dwarhom fil-livell Ewropew.

# UNITÀ 4: L-iżvilupp u l-promozzjoni ta' Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

## *PJAN GĦAL-LEZZJONI*

| GĦANIJIET U OBJETTIVI: | L-ISTUDENTI SE JITGĦALLMU: |
|---|---|
| • Li l-istudenti joħolqu l-kampanja tagħhom<br>• Li jiġu esplorati l-ħiliet ta' komunikazzjoni | • L-elementi bażiċi ta' komunikazzjoni ta' suċċess<br>• Sensibilizzazzjoni tal-udjenza<br>• X'jagħmel kampanja tirnexxi |
| **L-ISTUDENTI SE JIPPRATTIKAW:** | **MATERJALI MEĦTIEĠA:** |
| • Ippjanar<br>• Reċta bi rwoli<br>• Kooperazzjoni bħala tim<br>• Ħsieb minn qabel<br>• Immirar ta' kampanja | • Unità 4 PowerPoint |

## *Passi għal-Lezzjoni*

### IĊĊEKKJA X-XOGĦOL GĦAD-DAR

1) L-istudenti ntalbu jeżaminaw kampanja li jaħsbu li jistgħu jappoġġaw. Mur fuq **PowerPoint slajd 2** jew ikteb l-intestaturi li ġejjin fuq il-bord: Test, Stampi/vidjo, Grafika, Sħab, Oħrajn. Itlob lill-istudenti biex jiddeskrivu fil-qosor aspetti ta' suċċess tal-kampanja li kienu għażlu u jpoġġuhom taħt dawn l-intestaturi.

2) Ippermetti ħin biex tiddiskutu għaliex l-istudenti jaħsbu li dawn il-kampanji kienu ġeneralment ta' suċċess.

Aħseb dwar kwistjonijiet bħal

- Attraenza wiesgħa
- Prattiċità
- Tħassib soċjali/politiku/ekonomiku
- Oqsma ta' azzjoni tal-UE.

Biex tara kampanji ta' suċċess:
https://europa.eu/citizens-initiative/find-initiative_mt?STATUS[0]=ANSWERED

Biex tara kampanji li qed jistennew tweġiba:
https://europa.eu/citizens-initiative/find-initiative_mt?CATEGORY%5B0%5D=any&STATUS%5B0%5D=SUBMITTED&SECTION=ALL

3) L-istudenti ntalbu jaħsbu dwar il-kampanja vvutata fl-Unità 3 u kif jagħmlu din il-kampanja speċifika ta' suċċess permezz ta' azzjoni meħuda kemm online kif ukoll offline. Ippermetti ftit ħin biex tiddiskuti l-ideat tagħhom bħala klassi.

L-istudenti għandhom jaħsbu dwar:

- Kif isibu nies f'pajjiżi oħra.
- Fuq xiex jista' jkollhom bżonn jonfqu l-flus.
- Kif jiġbru l-flus.
- Liema mezzi jużaw biex jilħqu lin-nies.
- Lil min jilħqu.

## APPROĊĊI GĦALL-PERSWAŻJONI

4) Mur fuq **PowerPoint slajd 3** jew itlob lill-istudenti jmorru fuq paġna 20 fil-**Pakkett** tagħhom **tal-Istudenti**. Spjega li biex kampanja tkun ta' suċċess biex tikseb appoġġ, irridu nipperswadu lin-nies li l-idea tagħna hija waħda tajba. Nistgħu nużaw dawn l-erba' approċċi (jew kombinazzjoni tagħhom) biex jgħinuna nistabbilixxu l-argument tagħna. Liema wieħed l-istudenti jaħsbu li jwieġbu għalih bl-aktar mod pożittiv?

**Loġika**: L-idea tagħmel sens? Hemm konnessjoni diretta bejn l-azzjoni mitluba u, pereżempju, it-titjib fis-soċjetà/fl-ekonomija/fil-ħajja ta' kuljum/fis-saħħa?

**Sentimenti:** Il-kwistjoni hija waħda li n-nies jibżgħu minnha? Kemm iħossuhom aħjar jekk il-kwistjoni tiġi riżolta? Kif iħossuhom jekk ma tiġix riżolta/ma jagħmlu xejn? Il-kwistjoni hija waħda li n-nies jistgħu jissimpatizzaw magħha? Hija waħda li tispira t-tama?

**Etika**: Hemm kwistjoni morali? Il-kwistjoni hija moralment ħażina? Għandna nsolvu l-kwistjoni sempliċiment għax hija l-ħaġa t-tajba li għandha ssir (għalkemm jista' jkun hemm prezz)?

**Kredibbiltà**: Hemm sorsi affidabbli li jappoġġaw is-suġġeriment tagħna (xjenza, riċerka, eċċ.)? Hemm individwi/gruppi li nammiraw jew nirrispettaw (u li wrew li għandhom għarfien) li kellhom pożizzjoni simili jew huma involuti f'azzjoni?

5) Itlob lill-istudenti jipprovdulek erba' inizjattivi possibbli jew aktar (dawn jistgħu jkunu dawk li ħasbu fihom fl-aħħar lezzjoni jew oħrajn ġodda li sabu) u iktibhom fuq il-bord.

## PRATTIKA TAL-PERSWAŻJONI

6) Aqsam il-klassi f'pari, wieħed se jkun A, l-ieħor B.

7) Itlob lill-istudenti jimmaġinaw li qed jagħmlu kampanja għal appoġġ għal inizjattiva quddiem supermarkit. Student A jrid jagħżel waħda li jaħseb hija l-aħjar li tiġi appoġġata billi juża l-loġika. Huwa importanti li tisħaq li l-istudenti ma għandhomx għalfejn jaqblu mal-punt li qed jiddefendu.

8) Agħti lil student A ftit minuti biex jikkonvinċi lil student B għaliex għandu jappoġġa l-inizjattiva. Student B imbagħad irid jipprovdi kontroargumenti; student A ma għandux għalfejn iwieġeb.

9) L-istudenti issa jaqilbu r-rwoli u student B irid jagħżel inizjattiva oħra u jiddefendiha billi juża argumenti emozzjonali (sentiment). Student A jrid iwieġeb.

10) Kompli alterna r-rwoli biex tkopri l-etika u l-kredibbiltà bl-istess mod.

11) Itlob lill-klassi tirrifletti dwar jekk l-approċċ tagħhom kienx l-aħjar wieħed għall-inizjattiva magħżula. Kemm jaħsbu li kienu ta' suċċess? Il-kontroargumenti identifikaw nuqqas fl-argumenti ta' sostenn tagħhom?

## TWEĠIBA GĦALL-KONTROARGUMENTI

12) Fakkar lill-istudenti li biex kampanja tkun ta' suċċess, għandhom iqisu li jużaw aktar minn approċċ wieħed (loġika, sentimenti, kredibbiltà, etika). Għandhom iqisu wkoll kontroargumenti possibbli u jippruvaw iwiġbuhom qabel jippreżentawhom.

13) Mur fuq **PowerPoint slajd 4** u ikteb li ġej fuq il-bord: "Għandna nipprojbixxu l-użu tal-pestiċidi fl-agrikoltura".

14) L-istudenti jibqgħu fil-pari tagħhom jew jaqilbu l-pari. Għid lill-istudenti li għandhom rwol ta' studenti tal-istess età tagħhom. Billi juża xi wieħed mill-approċċi ta' hawn fuq li jħoss li huwa xieraq, student A għandu jappoġġa din id-dikjarazzjoni. Student B għandu jipprova u jsib kontroargumenti.

15) L-istudenti issa jaqilbu r-rwoli iżda din id-darba B (li jargumenta favur id-dikjarazzjoni) huwa student, u A (li jagħmel il-kontroargument) huwa bidwi.

16) Itlob lill-istudenti jirriflettu fuq il-kontroargumenti li għamlu. Inbidlu meta l-istudent opponenti kellu rwol ta' bidwi?

## INSIBU BAŻI KOMUNI

17) Indika lill-istudenti li jekk iridu kampanja li jkollha l-aktar appoġġ pożittiv wiesa' possibbli, iridu jikkonvinċu gruppi ta' nies differenti li jista' jkollhom tħassib differenti.

Is-sejba ta' bażi komuni u l-fehim ta' perspettivi differenti tad-diversi partijiet involuti huwa ċentrali meta jsiru l-liġijiet tal-UE. Dan se japplika wkoll għall-idea tal-liġijiet li jkunu bdew iċ-ċittadini permezz tal-IĊE. Jekk inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej jirnexxilha tiġbor miljun firma, u l-Kummissjoni tiddeċiedi li tressaq proposta legali, il-koleġiżlaturi, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikollhom jilħqu kompromess. Qabel tipproponi leġiżlazzjoni, il-Kummissjoni jkollha tqis il-fehmiet tal-partijiet kollha li se jiġu affettwati; il-Membri tal-Parlament iqisu l-effett fuq in-nies u n-negozji fil-kostitwenzi tagħhom; u fil-Kunsill, ir-rappreżentanti ta' kull pajjiż tal-UE jeżaminaw il-kwistjoni minn livell nazzjonali individwali, peress li xi pajjiżi jistgħu jiġu affettwati aktar jew b'mod differenti minn oħrajn. Dawn il-korpi kollha se jkollhom jinnegozjaw u jilħqu kompromess jekk l-inizjattiva ssir liġi.

18) Mur fuq **PowerPoint slajd 5** jew ikteb li ġej fuq il-bord: student, ġenitur, negozjant, politiku.

19) Aqsam il-klassi f'4 gruppi u assenja lil kull grupp wieħed mit-titli ta' hawn fuq bħala "figura" li tirrappreżenta grupp ta' nies. Għid lill-istudenti jmorru f'paġna 21 fil-**Pakkett** tagħhom **tal-Istudenti** u jagħmlu noti dwar fuq xiex tinkwieta din il-figura u xi jġegħelha tħossha sigura.

20) Agħti lill-istudenti ftit minuti biex jiddiskutu fil-gruppi tagħhom imbagħad ikseb feedback mill-klassi dwar x'kitbu. Studenti oħra għandhom jiġu mħeġġa iżidu mal-listi jekk ikollhom ideat oħra.

21) Itlob lil kull grupp jagħżel inizjattiva biex jippromwoviha lill-figura tiegħu. X'media għandhom jużaw? Liema approċċ(i) ikun(u) l-aħjar?

## TMIEM IL-LEZZJONI

22) Spjega lill-istudenti li, għall-assenjament finali tagħhom, se joħolqu vidjo biex jippromwovu inizjattiva li jixtiequ jarawha ssir liġi tal-UE. Ir-regoli huma kif ġej.

- Għandhom jaħdmu fi gruppi ta' 3 jew 4.
- Għandhom jiddeċiedu dwar kwistjoni li jaħsbu li tagħmel inizjattiva tajba. Jistgħu jużaw waħda li ġiet diskussa fil-klassi jew jagħżlu oħra.
- Għandhom jagħmlu vidjo li jappoġġa l-proposta tagħhom, li ma jkunx itwal minn 3 minuti.
- Jistgħu jieħdu rwoli ta' karattri fil-vidjo.
- Jekk jixtiequ, jistgħu jinkorporaw mużika u/jew grafika fil-vidjo tagħhom.
- Għandhom jiżguraw li jkollhom il-permess jiġbdu l-vidjo f'postijiet jew lil persuni oħra.
- Għandu jkun hemm lista ta' krediti li juru min kien responsabbli għal liema parti tal-proġett.

Agħti lill-istudenti ftit ħin biex jirranġaw ruħhom fi gruppi u jiddeċiedu fuq inizjattiva.

Jekk ikun hemm ħin, il-vidjos jistgħu jiġu skrinjati fil-lezzjoni li jmiss. Jekk le, il-vidjos jistgħu jittellgħu fuq pjattaforma kollaborattiva li tuża l-iskola. L-istudenti għandhom jiġu mħeġġa jipprovdu feedback pożittiv abbażi ta' kwistjonijiet li ġew diskussi matul dawn il-lezzjonijiet. Jekk jixtiequ, l-istudenti jistgħu jivvutaw għall-aħjar vidjo (ma jistgħux jivvutaw għal tagħhom stess).

## ATTIVITÀ FAKULTATTIVA

L-istudenti magħżula jimmaġinaw li qegħdin f'seduta tal-Parlament Ewropew biex jippreżentaw l-inizjattiva tagħhom. L-istudenti l-oħra huma membri tal-Parlament Ewropew minn pajjiżi u partiti politiċi/preferenzi differenti. Jistgħu jistaqsu mistoqsijiet imbagħad jidddeċiedu jekk humiex favur l-inizjattiva.

Reġistrazzjoni ta' seduta reali tista' tinstab hawn taħt. Il-lingwa tista' tinbidel billi tikklikkja fuq is-simbolu "nota":

https://multimedia.europarl.europa.eu/mt/webstreaming/agri-envi-committee-meeting_20230124-1430-COMMITTEE-ENVI-AGRI

# Kwiżż ta' Ħruġ

1. Kemm huma meħtieġa ċittadini tal-UE biex titnieda Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej?
    a. 3 ċittadini tal-UE
    b. 5 ċittadini tal-UE li jgħixu fi kwalunkwe Stat Membru
    c. 7 ċittadini tal-UE li jgħixu f'7 Stati Membri differenti
    d. Ma hemmx rekwiżiti minimi

2. Tista' tniedi Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej fuq suġġett li huwa importanti għalik u li trid li l-Kummissjoni Ewropea tieħu azzjoni fuqu?
    a. Iva, kull suġġett huwa possibbli
    b. Le, hemm limitazzjonijiet

3. Min jista' jappoġġa Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej?
    a. Ċittadini tal-UE mill-età ta' 18.
    b. Ċittadini tal-UE li huma kbar biżżejjed biex jivvutaw fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew – jew li jkollhom tal-inqas 16 f'xi pajjiżi.
    c. Nies li jgħixu fl-UE, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom.

4. Veru jew Falz: Miljun ċittadin favur minn pajjiż tal-UE huma biżżejjed biex inizjattiva taċ-ċittadini tkun valida?
    a. Veru
    b. Falz

5. Veru jew Falz: Il-Kummissjoni Ewropea hija obbligata tadotta leġiżlazzjoni b'riżultat ta' inizjattiva taċ-ċittadini valida?
    a. Veru
    b. Falz

6. Liema mill-istituzzjonijiet tal-UE li ġejjin hija responsabbli biex tirreġistra inizjattiva taċ-ċittadini?
    a. Il-Parlament Ewropew
    b. Il-Kunsill Ewropew
    c. Il-Kummissjoni Ewropea

7. Liema mit-trattati li ġejjin stabbilixxa l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej?
    a. It-Trattat ta' Maastricht (1992)
    b. It-Trattat ta' Liżbona (2007)
    c. It-Trattat ta' Ruma (1957)

8. X'tip ta' demokrazija hi l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej?
    a. Parteċipatorja
    b. Rappreżentattiva

9. Kemm għandha żmien inizjattiva biex tiġbor l-għadd meħtieġ ta' firem?
    a. 12-il xahar
    b. Sentejn
    c. M'hemmx limitu

10. Veru jew Falz: In-nies jistgħu jappoġġaw inizjattiva biss online.
    a. Veru
    b. Falz

# Tweġibiet tal-Kwiżż ta' Ħruġ

1. C.

2. B. Le, hemm limitazzjonijiet. Biex tniedi inizjattiva, l-ewwel trid tiġi rreġistrata mill-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni tista' biss tirreġistra inizjattivi li jitolbuha taġixxi fuq suġġetti fejn għandha s-setgħa li tipproponi leġiżlazzjoni. Għalhekk, jekk is-suġġett ta' inizjattiva ġdida ma jaqax taħt wieħed mill-oqsma fejn il-Kummissjoni tista' tipproponi leġiżlazzjoni, ma tistax tiġi rreġistrata. Jekk inizjattiva tmur kontra l-valuri tal-UE, il-Kummissjoni wkoll se tirrifjutaha.

3. B.

4. B. Falz. L-inizjattiva taċ-ċittadini trid tilħaq miljun firma u livelli limiti stabbiliti minn qabel f'tal-inqas 7 Stati Membri tal-UE biex tkun valida.

5. B. Falz. Wara l-laqgħa tal-organizzaturi tal-inizjattiva mal-Kummissjoni Ewropea u seduta pubblika fil-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni meħtieġa tiddeskrivi x'azzjoni se tipproponi bi tweġiba għal inizjattiva taċ-ċittadini valida (jekk hemm) u r-raġunijiet tagħha għat-teħid (jew nuqqas ta' teħid) ta' azzjoni. Dan ir-rispons se jkun fil-forma ta' komunikazzjoni adottata formalment mill-Kummissarji u ppubblikat bil-lingwi kollha uffiċjali tal-UE.

6. C.

7. B.

8. A. Il-votazzjoni għal MEPs biex jirrappreżentaw l-interessi tagħna hija forma ta' demokrazija rappreżentattiva.

9. A.

10. B. In-nies jistgħu wkoll jiffirmaw formoli ta' appoġġ fuq il-karta.



L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

# SKEDA TA' FATTI DWAR IT-TRATTATI TAL-UNJONI EWROPEA

***Trattati Ewlenin tal-UE***

**2007**
It-Trattat ta Maastricht



**1992**
It-Trattat ta' Maastricht

**1990**
Il-Konvenzjoni ta Schengen





**1957**
It-Trattat ta' Ruma

**1951**
It-Trattat ta' Pariġi





https://european-union.europa.eu/select-language?destination=/node/53

It-trattati li ġejjin jirrappreżentaw ħames stadji ewlenin importanti fl-istorja tal-Unjoni Ewropea. Jekk tixtieq aktar informazzjoni, jekk jogħġbok segwi l-links wara kull kaxxa ta' informazzjoni. Ftakar li tista' tibdel il-lingwa fil-każijiet kollha.

## IT-TRATTAT TA' PARIĠI TAL-1951

L-Unjoni Ewropea bdiet fil-ħamsinijiet, wara tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija. L-għan kien li tipprevjeni gwerra oħra fil-kontinent Ewropew. It-Trattat ta' Pariġi kien l-ewwel pass lejn l-integrazzjoni Ewropea. Dan stabbilixxa l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, li għaqqdet sitt pajjiżi Ewropej (Franza, il-Ġermanja tal-Punent, l-Italja, il-Belġju, il-Lussemburgu u n-Netherlands) li bejniethom il-kummerċ tal-faħam u l-azzar seta' jsir mingħajr fruntieri. L-iskop ewlieni tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar kien tintegra l-ekonomiji tan-nazzjonijiet Ewropej parteċipi biex tagħmel il-kunflitt inqas probabbli kif ukoll biex tagħmilha evidenti jekk membru wieħed kien se juża l-azzar biex jibni armi bi tħejjija għal gwerra possibbli.

https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=LEGISSUM:xy0022

## IT-TRATTAT TA' RUMA TAL-1957

Dan it-trattat stabbilixxa l-Komunità Ekonomika Ewropea (KEE) li għaqqdet 6 pajjiżi (il-Belġju, il-Ġermanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu u n-Netherlands) biex jaħdmu lejn l-integrazzjoni u t-tkabbir ekonomiku, permezz tal-kummerċ.

Dan ħoloq suq komuni bbażat fuq il-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital. Ħoloq ukoll unjoni doganali li neħħiet it-tariffi internament u stabbiliet tariffi komuni għall-merkanzija li tiġi minn barra.

Bosta mill-istituzzjonijiet tal-UE li nafu llum ġew stabbiliti b'dan it-trattat:

- Il-Kunsill tal-Ministri
- Il-Kummissjoni
- L-Assemblea Parlamentari (il-Parlament Ewropew)
- Il-Qorti tal-Ġustizzja
- Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=LEGISSUM:xy0023

## IL-KONVENZJONI TA' SCHENGEN TAL-1990

Il-Konvenzjoni ta' Schengen stabbiliet żona ta' moviment liberu bl-ebda verifika fil-fruntieri bejn il-firmatarji. Minn dakinhar ġiet inkorporata fid-dritt tal-Unjoni u issa hija għan dikjarat tal-Unjoni Ewropea.

https://eur-lex.europa.eu/MT/legal-content/glossary/schengen-agreement-and-convention.html

## IT-TRATTAT TA' MAASTRICHT TAL-1992

Dan huwa t-trattat li stabbilixxa l-Unjoni Ewropea. Fost affarijiet oħra, introduċa l-idea ta' "Ċittadin Ewropew", li tippermetti li ċ-ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż tal-UE jgħixu u jaħdmu fi kwalunkwe Stat Membru ieħor. Ipprovdilhom ukoll drittijiet u protezzjonijiet oħra.

Parti importanti oħra tat-trattat kienet li stabbilixxa l-idea ta' munita komuni u koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, li wassal għall-ħolqien tal-euro u l-Bank Ċentrali Ewropew.

It-trattat iċċentralizza bosta responsabbiltajiet li preċedentement kienu r-responsabbiltà tal-gvernijiet nazzjonali sabiex ikun hemm aktar armonizzazzjoni madwar l-Unjoni Ewropea. Għamel ukoll tibdiliet fl-istruttura tal-poter fl-istituzzjonijiet tal-UE.

https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=LEGISSUM:xy0026

## IT-TRATTAT TA' LIŻBONA TAL-2007

Dan it-trattat bena fuq it-trattati fis-seħħ dak iż-żmien u emendahom. Ta lill-Unjoni Ewropea personalità ġuridika, li kienet tfisser li issa setgħet tiffirma trattati jew tissieħeb f'organizzazzjonijiet bħala korp uniku. Għamel il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali legalment vinkolanti u taha l-istess valur legali bħat-trattati. Iċċara wkoll kwistjonijiet ta' kompetenza tal-UE.

Tassew importanti huwa l-fatt li t-trattat żgura li għandu jkun hemm aktar demokrazija, billi żied il-poter tal-Parlament Ewropew.

Dan ipprovda wkoll mekkaniżmu għaċ-ċittadini ordinarji biex ikollhom effett dirett fuq il-politika u l-liġi tal-UE. Huwa hawn li ġiet introdotta l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE).

https://eur-lex.europa.eu/MT/legal-content/summary/the-treaty-of-lisbon.html

https://www.europarl.europa.eu/factsheets/mt/sheet/5/the-treaty-of-lisbon

Aqra aktar dwar it-trattati attwalment fis-seħħ fuq EUR-lex:

https://eur-lex.europa.eu/collection/eu-law/treaties/treaties-force.html

# OQSMA TA' AZZJONI TAL-UE (għażla)

| Kompetenza Esklużiva | Kompetenza Kondiviża | Kompetenza ta' Appoġġ |
|---|---|---|
| Unjoni Doganali | Suq Uniku | Saħħa pubblika |
| Regoli tal-kompetizzjoni | Impjieg u affarijiet soċjali | Industrija |
| Politika monetarja | Agrikoltura | Kultura |
| Kummerċ | Sajd | Turiżmu |
| Pjanti u annimali tal-baħar | Ambjent | Edukazzjoni u taħriġ, żgħażagħ u sport |
| | Protezzjoni tal-konsumatur | Protezzjoni ċivili |
| | Trasport | Kooperazzjoni amministrattiva |
| | Networks trans-Ewropej | |
| | Enerġija | |
| | Ġustizzja | |
| | Drittijiet fundamentali | |
| | Migrazzjoni u affarijiet interni | |
| | Saħħa pubblika | |
| | Riċerka u spazju | |
| | Kooperazzjoni għall-iżvilupp u għajnuna umanitarja | |

Sir af aktar:
https://europa.eu/citizens-initiative/how-it-works/how-start-initiative-step-step/faq-eu-competences-and-commission-powers



L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

# IL-PROĊESS TAT-TFASSIL TAL-LIĠIJIET TAL-UE

Il-Kummissjoni Ewropea

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA**

Membri nnominati mill-Istati Membri

*Jipproponi l-leġiżlazzjoni*

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

Elett direttament miċ-ċittadini tal-UE

European Parliament

**IL-KUNSILL TAL-UE**

Ministri mill-gvernijiet tas-27 Stat Membru

Kunsill tal-Unjoni Ewropea

*Jemendaw u jadottaw il-leġiżlazzjoni b'mod konġunt*

© L-Unjoni Ewropea, 2023
L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat diment li jiġi rikonoxxut is-sors. Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea
hija rregolata mid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

PDF ISBN: 978-92-68-03872-7 doi: 10.2792/90022 KA-04-23-421-MT-N

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej